

# Bormla

## *F'Malta Illustrata ta' Ganfranġisk Abela*

Kitba ta' Mario Attard




### Is-sorsi

Il-Kommendatur Fra Ġanni Franġisk Abela kien ħareġ **Malta Illustrata** f'erba' kotba miġburin f'żewġ volumi. Kull volum huwa ddedikat lill-Gran Mastru Emanuele Pinto. L-ewwel wieħed kien stampat fl-1772 filwaqt li t-tieni wieħed kien stampat tmien snin wara. It-tnejn kienu stampati fl-Istamperija tal-Palazz. Iż-żewġ volumi kienu kkoreġuti u elaborati mill-Konti Giovanni Antonio Ciantar. Abela kien Viċi Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann.

### L-għan

**Malta Illustrata** tipprovdi tagħrif marbut ma' Bormla, kif tipprovdi ma' lokalitjiet oħra fil-gżejjer Maltin. Fit-tieni volum (jiġifieri fl-ewwel u fit-tieni ktieb) jagħti tagħrif dwar Bormla, il-bini tas-swar ta' Santa Liena mitmum mill-Fran Mastru De Vilhena u s-swar ta' Cotoner li bdew jinbnew fl-1670 mill-Gran Mastu Nikola Cotoner. Jissemmew il-patrijiet Tereżjani Skalzi bil-knisja u l-kunvent tagħhom kif ukoll il-Mandraġġ.



Fejn tidħol Bormla, fit-tieni volum (jiġifieri fit-tielet u fir-raba' ktieb) huma ttratti l-Isqof Gargallo u d-dar tas-sajf tiegħu fuq Santa Margerita, il-parroċċa u l-awtonomija minn mal-Birgu, il-pesta l-kbira tal-1675, il-Kurċifiss ta' Kandja, l-Ordnijiet reliġjużi bil-kunventi u tagħrif dwar Ħal Tarxien u San Ġwann t'Għuxa, u l-knejjes, partikularment fil-parroċċa.

Ġann Franisk Abela jagħti ħarsa lejn Bormla jew aħjar Burmola, "art li llum insejħulha Cospicua". Din l-art tinsab taħt il-ħarsien tal-Kaptan u l-Gvernatur tal-Isla. Din l-art ħadet isimha minn Bir-mula, jew

aħjar il-bir tal-Mulej. Bħala popolazzjoni fl-1772 kellha 7,112 ruħ inklużi r-reliġjużi.

Fil-konfini tagħha nsibu diversi djar l-aktar fuq il-għolja ta' Santa Margerita fejn hemm ittellgħet knisja flimkien ma' monasteru għas-sorijiet taħt it-titlu tas-Serafika Madre Santa Tereża, fuq opra ta' Don Pietro Saliba, qassis ta' mġiba qaddisa.

Fuq il-għolja ta' Santa Margerita u dik 'l isfel minnha msejħa l-Mandra, fl-1638 bdew jinbnew is-swar Firenzuola, għall-inġinier li ddisinjahom, id-Dumnikan Patri Vincenzo Maculano da Firenzuola li wara sar Kardinal. Abela jikteb dwar il-ħtieġa ta' dawn is-swar għad-difiża tal-Port il-Kbir.

Nhar it-30 ta' Diċembru 1638, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-proġett imsemmi li tmexxiet mill-Gran Mastru Lascaris taħt id-direzzjoni tal-Inġinier Firenzuola. Saret quddiesa solenni mill-Prijur tal-Knisja Konventwali fuq il-post. Wara l-istess Prijur bierek il-post imbagħad qiegħed l-ewwel ġebla. B'xorti ħażina, 'il quddiem kellu jieqaf ix-xogħol fuq il-bini ta' dawn is-swar minħabba bżonnijiet aktar urġenti. Biss, snin wara x-xogħol tkompla l-ewwel mill-Gran Mastru Perellos imbagħad mill-Gran Mastru Zondadari. Ix-xogħol tlesta taħt il-Gran Mastru Manoel di Vilhena. Fuq il-bieb prinċipali tad-daħla tas-swar fil-lok imsejjaħ ta' Santa Liena – li fl-istess parti ta' Bormla hemm maħżen jinħażen il-porvli, jiġifieri l-polverista, inkitbet skrizzjoni bil-Latin li tirrakkonta ftit jew wisq il-qofol tat-tagħrif imsemmi hawn fuq[1].

MUNUMENTUM HOC
AS MAJUS HORUM PORTUM TUTAMEN
SECUNDUM GRAPHIDEM
A CARDINALI DE FLORENTIOLA INSTITUTAM
SUB M. MAGISTRO LASCARIS INCHIHOATUM
DEINDE EMERGENTE
COTONERIAE ARCIS AEDIFICATIONET INTERMISSUM
MM. MM. RAYMUNDUS PERELLOS
ET M. ANT. ZONDARDARIUS,
ALTER CENTINUARI, ALTER IN ALIAM FORMAM
REDEGI CENSUERENT
TANDEM EM. M. M. FR. D. ANT. MANOEL
DE VILHENA
CETERIS MUINUMENTIS ABSOLUTIS,
IPSUM PERFICI CURAVIT
JUXTA AMPLIORUM
INSIGNUM MACHINATORUM DEFORMATIONEM
UNIVERSO MILITARI ORDINE PLAUDENTE
ANNO MDCCXXXVI

(Din il-fortizza mibnija fuq disinn tal-Kardinal Firenzuola, bħala tisħiħ tad-difiża għal dawn il-portijiet, fis-saltna tal-Gran Mastru Lascaris, kienet sospiża minħabba l-bini tad-difiża tal-Kottonera. Il-Gran Mastri Raymond Perellos u Marċ'Antonio Zondadari wieħed wara l-ieħor iddeċidew li jkomplu din il-kostruzzjoni flimkien ma' xi tibdiliet. Fl-aħħar, l-Eminenza Tiegħu l-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena kif għamel meta wettaq sal-aħħar il-bini ta' fortizzi oħrajn, ordna hekk ukoll li dawn is-swar ta' difiża jitkomplew fuq disinn akbar bis-saħħa ta' periti tas-sengħa, bl-approvazzjoni tal-Ordni Militari fis-sena 1736)

Bormla hija mdawra wkoll bis-swar ta' Cotoner, opra vasta ħafna tant li kienet tiflaħ tilqa' fiha il-bhejjem kollha tal-gżira. It-tqegħid tal-ewwel ġebla tas-swar ta' Cotoner sar bl-akbar sollennità fit-28 ta' Awwissu 1770. Dakinhar saret purċissjoni kbira magħmula mill-Ordnijiet regulari, mill-Knisja parrokkjali ta' Bormla, il-Prijiur tal-Knisja Konventwali tal-Ordni li ġarr ir-relikwija ta' San Ġwann, protettur tal-Ordni, segwit mill-Gran Mastru Fra Niccolò Cotoner u minn ħafna kavallieri u nies tal-lokal. Dawn kollha mxew proċessjonalment lejn l-għolja fejn kien ddisinjat is-Sur ta' San Nikola fejn tbierek il-post u l-Gran Mastru Niccolò Cotoner xeħet bċejjeċ tal-flus bix-xbieha tiegħu u tal-belt. Wara għamlu hekk ukoll il-kavallieri. Imbagħad sar talb lil Alla għall-ħarsien tiegħu u tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-proġett fost l-isparar tal-kanuni mill-fortizzi kollha. Fuq il-bieb ta' dawn is-swar tqiegħed monument tal-fundatur bi skrizzjoni bil-Latin[2].

## L-Isqof Gargallo u Bormla



Nafu li f'Bormla l-Isqof Tommaso Gargallo kellu d-dar tiegħu tas-Sajf fuq Santa Margerita, fit-triq li ġġib l-istess isem. Ġanni Franġisk Abela jgħidilna dan l-Isqof ta' Malta, li kien mill-Katalunja fi Spanja, filwaqtl i kien qiegħed jaqdi dmirijietu fil-kariga ta' Viċi-Kanċillier, kien nominat għal Isqof ta' Malta mir-Re Filippu II, mill-Ordni u mill-Papa Gregorju XIII. Fil-fatt huwa kien ikkonfermat bil-Bolla ddatata 3 ta' Awwissu 1578.

Fl-1586 kien intbagħat bħala ambaxxatur tal-Gran Mastru Verdala meta ntbagħat biex flimkien ma' ambaxxaturi ta' Slaten Inħsara, jifraħ lil Emanuele, Duka ta' Savoja fl-okkażjoni tat-twelid tal-ewwel iben kif ukoll biex jassisti u jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-tgħammid tal-istess tarbija.

Qabel reġa' lura Malta l-Isqof Gargallo wettaq xi vjaġġi lejn Sqallija. Mar ukoll Ruma biex jiddefendi l-kawża tiegħu li permezz tagħha introduċa f'Malta lill-patrijiet Ġiżwiti.[3]

Fl-10 ta' Ġunju 1614, meta kellu 86 sena, l-Isqof Tommaso Gargallo miet fid-dar li kien bena huwa stess fuq il-Għolja ta' Santa Margerita 'barra mill-Birgu'. Bl-akbar pompa funebra mbagħad ittella' fuq galera tal-Ordni u twassal fil-Belt Valletta. Wara li sarlu r-rit tal-mejtin fil-knisja tal-Ġiżwiti, indifen fil-Kappella tiegħu ddedikata lill-Verġni Beatissima Marija ta' Monserrat. Dakinhar qabel indifen kienet saret orazzjoni reċitata minn Patri Niccolò Gusman. Fuq il-qabar tiegħu twaħħlet il-lapida bil-kliem li ġej:

A.M.D.G.
SOCIETAS JESU ILL. AC. REV DOMINO
F.D. THOME GARGALLO
MELIVETANO ANTISTITIBENEMERITISSIMO
MEMORIS ANIMI

(Għall-glorja kbira ta' Alla, l-Illustri Soċjetà ta' Ġesù b'dan il-monument tfakkar bil-qalb lil Thome Gargallo, Difensur mtal-Fidi)

Is-suċċessur ta' Gargallo kien Baldassare Cagliaris, Malti dexxendent tal-familja Burlò[4]. Ta' min isemmi li l-Isqof Gargallo ien għamel vizta pastorali fil-parroċċa ta' Bormla fl-1602. F'dak iż-żmien it-titular speċifiku tal-parroċċa kien Santa Marija Immakulata tas-Sokkors.

## Bormla tinqata' minn mal-Birgu

Il-knisja ta' Bormla, imsejħa minn Ġann Franġisk Abela Bir-mula "illum imsejħa Cospicua" u tal-Isla "magħrufa bħala l-Isola" kienu jagħmlu mal-Matriċi ta' San Lawrenz tal-Birgu. Imbagħad meta wasal iż-żmien inqatgħu minnha u saru parroċċi. L-Isla nqatgħet fl-1581 u Bormla fl-1584[5].

## Il-Pesta u Bormla

Bejn l-1592 u l-1675, Malta ġarrbet erba' esperjenzi xejn sbieħ b'rabta mal-pesta. Il-kaġun li wassal għat-tfaqqigħ tal-pesta fl-1592 kien ħtija ta' xini infettata maqbuda fl-ibħra ta' Lixandra mill-erba' xwieni tal-Gran Duka tat-Toskana. Din kienet inġiebet Malta u ferrxet i-marda. L-epidemja tal-pesta li faqqgħet fl-1623 bdiet mid-dar tal-Gwardjan tal-Port mingħajr ħadd ma nduna. B'riżultat ta' dan, il-pesta nfirxet dar dar. Il-pesta tal-1655 ukoll irriżultat minn dar fuq il-Port il-Kbr, fuq in-naħa ta' fejn kienu jorbtu x-xwieni li jkunu ġejjin mil-Lvant. Sid dik id-dar tħallat mal-baħrin u ttieħed minn xi ħadd minnhom. "Imbagħad iltaqa' ma' oħtu li kienet toqgħod fl-art ta' Santa Katerina u din infettat lill-familja tagħha bil-pesta"[6]. Wara, dawk infettati ttieħdu Lazzarett.

Imbagħad waslet il-pesta tal-1675, magħrufa aħjar bħala l-Pesta l-Kbira. Din l-epidemija damet seba' xhur sħaħ u ħalliet miżerja sħiħa fost il-poplu. L-ewwel li ttieħdet mill-pesta kienet it-tifla tan-negozjant Matteo Bonnici. It-tobba ma bdewx jaqblu bejniethom x'kellha eżatt. B'mod ġenerali bdew jaħsbu li kellha riħ ħafif. Sadanittant iż-żmien baqa' għaddej u l-marda bdiet tinfirex. Fis-seba' jum tal-marda tagħha, dik it-tifla mietet mingħajr ma t-tobba għarfu l-kawża li qatlitha[7]. Għaddew ix-xhur u baqgħet ma nstabetx id-dijanjosi vera tal-marda li bdiet tniżżel lil pajjiż għarkupptejh.

Il-Kunsill tal-Ordni ħa bosta deċiżjonijiet biex in-nies ma titħallatx imma l-marda baqgħet tippersisti. Kważi b'qalhom maqtugħa, tal-Kunsill tal-Ordni rrikorrew għall-interċessjoni tal-Verġni Immakulata. Il-Kunsill wegħidHa li jekk jinstab tarf u tkun ikkontrollata l-epidemija, tinbena kappella taħt it-titlu tal-Immakulata fil-post qadima tal-Kappella ta' Sarria, fil-Furjana. Minn Franza nġiebu diversi tobba u profumaturi li mill-ewwel ordnaw li dawk infettati jinqaflu ġewwa Lazzarett mentri l-bqija jingħalqu f'darhom. Din l-ordni kienet segwitha bejn it-12 ta' Ġunju u d-9 ta' Awwissu 1675. Kienet deċiżjoni drastika imma tkun iġġustifikata meta wieħed jiftakar li fix-xahar ta' Mejju ta' dik is-sena l-pesta għamlet straġi partikularment fl-Isla u fil-Birgu.

Sa fl-aħħar fl-24 ta' Settembru l-ħajja reġgħet għan-normal bil-ħwienet u n-negozju jerġgħ jiftħu. Il-Madonna qalgħetilhom dik il-grazzja u sena wara twettqet il-wegħda.

Skont il-Kanċellerija tal-Ordni mietu b'kollox 8,569 ruħ imma l-opinjoni pubblika kienet temmen li l-vittmi telgħu anki għal 11,300 ruħ imqassmin kif ġej: fil-Belt Valletta mietu 4,000, fil-Birgu mietu 1,800, fl-Isla mietu 2,000, f'Bormla mietu 1,500 filwaqt li fil-kampanja mietu 2,000 ruħ[8].

## Il-Pesta l-Kbira u Bormla

B'żieda partikulari ma' Bormla, il-pesta tal-1675 rat l-ewwel vittma tagħha jmut fit-8 ta' Marzu 1676. Il-Kummissarju tas-Saħħa kien ordna gvernaturi bit-tama li jinżamm il-kontroll. Don Tomaso de Sarsuela kien inkarigat minn Bormla u l-Isla. Dawn qassmuh il-lokalitajiet fi kwartieri u dak ta' Bormla kien inkarigat Matteolo Carnisi bil-Capitano della Notte jieħu ħsieb bil-lejl.

Din il-pesta wasslet biex jinfetaħ iċ-ċimiterju tal-Erwieħ biex jindifnu fih il-mejtin bil-pesta. Abela dan ma jsemmiehx. Iż-żona ta' Fuq San Pawl kellha sehem ewlieni fl-amministrazzjoni sanitarja ġewwa Bormla. Kienet żona riservata u t-tqarbin lill-infettati bil-pesta kien joħroġ mill-knisja ta' San Pawl[9].

## Santa Marija tas-Sokkors

Abela jippreżenta hekk lill-parroċċa ta' Bormla: "Chiesa di Santa Maria del Soccorso. Parrochiale di Birmula, o Burmola, la cui festa si celebra nel dì della Sua Immaculata Concezione"[10].

Ġann Franġisk Abela jikteb li f'dik li kienet subborg jew speċi ta' raħal qabel l-Assedju l-Kbir bil-għadd tan-nies li jgħammru fiha jkun limitat, wara l-1575 l-affarijiet bdew jieħdu xeħta oħra. Sa dak iż-żmien biex il-ftit nies li kienu jgħixu Bormla setgħu jitqarbnu kien ikollhom imorru fil-parroċċa tal-Birgu. Meta l-popolazzjoni f'Bormla bdiet tiżdied u laħqet 1,200 ruħ[11], il-Bormliżi saħqu mal-Viżitatur Appostoliku dwar din ir-regola li issa kien għadda żmienha. Għalhekk talbuh biex jippermettilhom li jkollhom saċerdot fiss ġewwa l-lokalità tagħhom biex iqaddes u jamministralhom is-sagramenti li sa dakinhar kien dritt riservat għall-parroċċa ta' San Lawrenz. Peress li l-Isla kienet inqatgħet minn ma' San Lawrenz fl-1581, Bormla talbet li hija wkoll tingħata l-istess dritt[12].

Minn kitba li saret fil-Qorti Veskovili nafu li fl-1 ta' Ġunju 1584 dehru quddiem Mons. Pietro Costa, li kien sopratendent tal-Isqof, erba' sinjuri bħala prokuraturi tal-komunità ta' Bormla. Dawn kienu Bènedetto Rosso, Domenico di Modica, Girolamo Rosso u Marino Gaudisio. Huma esprimew miegħu primarjament il-fatt li peress li l-Birgu kien magħluq bis-swar u mal-waqgħa tal-lejl jingħalqu l-biben, jekk ikollu jinqala' l-bżonn ta' amministrar ta' sagrament dan ma jkunx possibli b'detriment partikolari għall-moribondi. Huma wrew lill-Mons. Costa r-rieda tal-Bormliżi li jagħtu pensjoni annwali lill-Kurat li jintbagħat flimkien ma' dar fejn jgħammar. Għat-talba tagħhom li jidħol għalihom, Mons. Costa tahom il-kelma tiegħu li kien sejjer jgħinhom quddiem l-Isqof. Finalment it-talba ntlaqgħet u ntbagħat is-saċerdot Dun Michele Cap[13].

ĠannFranġisk Abela jagħmel referenza għall-artal maġġur fil-parroċċa ta' Bormla. Isemmi kwadru b'pittura antika ta' xeħta Griega li kien jinsab fuqu. Dan il-kwadru kien jirrappreżenta lill-Beata Verġni bil-Bambin Ġesù flimkien mal-Qaddisin

Tagħrif ieħor li jagħti huwa marbut mal-Kurċifiss ta' Kandja. Dan it-tagħrif isegwi tagħrif ieħor li l-Kommendatur Abela ta l-ewwel fuq il-Knisja ta' San Leonardu mqjuma mill-Koppin u wara dwar il-knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien.

Wara r-rendiment ta' Kandja, wieħed patri Dumnikan ġab Kurċifiss kbir. Dan ġara fl-1679. Dan il-Kurċifiss "di molta venerazione" minn dak il-pajjiż imbiegħed sab ruħu fil-parroċċa ta' Bormla fejn tqiegħed f'kappella li llum insejħulha tal-Kurċifiss, "nel quale fu disposta nel 3 di maggio 1690[14].

## San Ġwann t'Għuxa, Ħal Tarxien u Bormla

Fit-tagħrif numru 26 li l-awtur jagħti f'paġna 216 fit-tielet u r-raba' ktieb ta' **Malta Ilustrata**, l-awtur jittratta l-knisja ta' Santa Marija ta' Casal Tarxien li kienet tagħmel mal-Matriċi ta' Bir Miftuħ u li kellha t-titlu tal-Annunzjata. Abela jgħidilna "era la principale di questo villaggio, prima nomato di S. Giovanni del nome del Santo che si venerava nella Chiesa situata nel suo contorno"[15]. Din il-knisja kellha statwa tal-qaddis San Ġwann l-Elemonsier, jew bil-Malti Semitiku, San Ġwann t'Għuxa. Din kienet tal-injam u ta' kobor ġmielu. Kienet inġiebet minn xini (*carracca*) tal-Ordni minn Rodi. Abela jkompli jgħidilna "ed oggi si trova nella chiesa ta' San Giovanni, detto ta' Uscia, la quale bien servita dan un prete dell'Obbidienza Magisteriale in qualità di Cappellano"[16].

L-għan li għalih qiegħed insemmi dan id-dettal huwa sabiex nifhmu l-oriġini ta' San Ġwann t'Għuxa minn fejn ġejja. Ġewwa Bormla għandna żona magħrufa b'ta' Fuq San Ġwann t'Għuxa. Fi kliem ieħor l-introduzzjoni ta' dan il-qaddis f'pajjiżna ġabuha magħhom il-Kavallieri wara li kienu tilfu l-assedju ta' Rodi mat-Torok fl-1522. Jidher li l-qima lejh żviluppat f'Ħal Tarxien, eżattament fil-konfini ta' dak ir-raħal. Iżda meta għaddew is-snin, in-nies ta' dak ir-raħal ħasbu li jibnu knisja fil-qalbha tar-raħal. Infatti "i loro abitatori ricorsero al Vescovo Gargallo, perche loro concedesse la facoltà di formare una propria parrocchia"[17]. Din ix-xewqa kienet immaturat fl-1592 meta Ħal Tarxien sar parroċċa taħt it-titlu preżenti tal-Lunzjata.

'Il quddiem il-knisja jew kappella ta' San Ġwann t'Għuxa tneħħiet minn postha biex setgħet tagħmel wisa' għall-bini tas-swar. Din il-kappella reġgħet imbniet fl-1682 ġewwa s-swar ta' barra ta' Bormla fejn tinsab illum. Imbniet għas-spejjeż tal-Pirjol Fra Pietro Viany fil-lok li oriġinarjament kien jissejjaħ Maħtet it-Tin għall-għadd ta' siġar tat-tin[18]. Kurjuż il-fatt kif in-Nutar Canchur isemmi lil din il-parti bħala ta' Għuxa f'att notarili tal-20 ta' Frar 1521 meta l-kappella nbniet fl-1692.

Dik oriġinali kienet imbniet fl-1373 bl-arma tal-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Antonio Volupano.

## Knejjes u Kunventi oħra f'Bormla

Fil-Catalogo delle Chiese della Diocesi di Malta, Notizia Decimaquarta, Ġann Franġisk Abela jsemmi l-knejjes eżistenti f'Bormla. Huwa jagħmel referenza għall-Knisja Parrokkjali taħt it-titlu tal-Madonna tas-Sokkors, inkella tal-Immakulata Kunċizzjoni. Isemmi wkoll l-Oratorju taħt it-titlu tal-Beata Verġni tad-Duluri li jinfed mal-parroċċa. Jisemmew ukoll iż-żewġ kunventi tat-Tereżjani Skalzi. L-ewwel il-knisja ta' Santa Margerita V.M flimkien mal-monasteru taħt it-titlu Casa di Maria, bis-sorijiet tal-Istitut ta' Santa Tereża joqogħdu fih, kif ukoll il-knisja u l-kunvent tal-patrijiet Karmelitani Skalzi mwaqqaf fl-1629. Jgħidilna Abela li fl-aktar parti remota ta' dak il-kunvent hemm kappella flimkien ma' għadd ta' kmamar sabiex fihom isiru l-irtiri għall-Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann.

Dan il-kunvent inbena fl-1622 taħt is-saltna tal-Gran Maste De Paule. Għall-bini tiegħu għen mhux ftit b'mod finanzjarju l-Isqof Cagliares.

Il-knisja l-oħra li tissemma hija ddedikata lil San Pawl[19].




*Munita ta' żewġ liri Maltin maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta fl-1974 biex tfakkar lil dan l-istoriku li sena wara ħabat it-310 snin minn mewtu*

**Referenzi u Annotazzjonijiet**:

[1] Malta Illustrata, l-ewwel u t-tieni ktieb, pp. 83-83.

[2] Ibid., p.86.

[3] **Malta Illustrata** 3-4 Ktieb, p.63. Wara li fl-1577 il-Gran Mastru kien stieden lill-predikatur Ġiżwita magħrufa ħafna għall-prietki tiegħu, Fr. G. Carminata biex jiġi Malta u jagħmel l-eżerċizzji tar-Randan lill-Kavallieri ta' San Ġwann, l-Isqof Gargallo għaddielu ħsieb minn moħħu. Sena wara fl-1578 stieden lil P. Carminata li issa kien provinċjal tal-Ġiżwiti fi Sqallija, biex jiftħu kulleġġ hawn Malta. Ġara li kien inqala' diżgwid mal-awtoritajiet Maltin u la baqgħu hawn Malta t-tliet patrijiet Ġiżwiti għax issejħu lura u l-anqs infetaħ il-kulleġġ imsemmi. Biss 'il quddiem il-Ġiżwiti kienu ġew Malta mill-ġdid, stabbilew ruħhom u fetħu l-Kulleġġ imsemmi. Dak il-kulleġġ kellu jkun il-bidu tal-Università ta' Malta.

[4] **Malta Illustrata**, it-Tielet u r-Raba' Ktieb, p.64.

[5] Ibid., p.173.

[6] Ibid. p.188.

[7] Ibid., p. 189.

[8] Ibid., p.191.

[9] Attard, Mario, "Il-Purċissjoni tal-Kunċizzjoni u l-Pesta tas-snin 1675-1676. Sehemna – Gazzetta tal-Kunsill ta' Bormla, Diċembru 2006, p.3, Marzu 2007, p.3, Ġunju 2007, p.3 u Diċembru 2007, p3.

[10] Ibid., p.214..

[11] Ibid., p.214.

[12] Ibid., p.215.

[13] Ibid., p.215

[14] Ibid., p.216

[15] Ibid., p.216.

[16] Ibid., paġna 216.

[17] Ibid., paġna 216.

[18] Attard, Mario "Ismijiet ta' nħawi qodma f'Bormla u l-Madwar", Cospicua Parish online.

[19] op.cit, p.233.